MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 19/1999/1

**Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**vs**

**Alfred Muscat**
**Dolores Muscat**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal- Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 9 ta’ Frar, 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond numru 171, Triq il-Wied Msida huwa ta’ tmien t’elef u hames mitt lira Maltin (Lm8,500) kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen Sutton A&CE tas-6 t’Awissu 1997, li estratt minnu Dok A huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tad-19 ta' Frar 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tletin elf lira Maltija (Lm30,000)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom juigu michuda kif proposti in kwantu s-somma ta' Lm8,500.00 hemm imsemmija ma tirrispekjax il-valur reali tal-fond, liema valur huwa dak dettaljat fic-certifikat tal-AIC Paul Camilleri hawn anness u esebit u mmarkat Dok A fil-figura ta' Lm20,000.00.
Illi ghal kull buon fini l-esponenti qeghdin jannettu l-ittra ufficjali datata 9 ta' Marzu 1999 frjn l-esponenti ssottomettew li l-valur tal-istess fond kien ta' valur ta' Lm30,000.00 u dan minhabba l-potenzjal kummercjali li ghandu l-post u tenut kont li huma kienu akkwistaw l-fond sabiex sabiex jkunu jistghu jifthu fond kummercjali ghal uliedhom, haga li llum ma jistawx jirrealizzaw minhabba t-talbiet tar-rikorrenti.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi din l-esproprijazzjoni tikkoncerna fond urban fl-Msida li l-intimat xehed li kien fi hsiebu jutilizza ghall-skopijiet

kummercjali billi jiftah hanut ghat-tifel. Huwa ressaq stima tal-perit arkitett tieghu fil-valur ta' Lm20,000 izda r-rikorrenti kien offra s-somma ta' Lm8,500.

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lill-Bord, l-Perit AIC Frederick H Valentino u l-Perit AIC Joseph Mizzi li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghal konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom hawn annessa u formanti parti minn din is-sentenza li l-kumpens xieraq ghandu jkun fl-ammont ta' Lm12,000 illum ekwivalenti ghall seba u ghoxrin elf, disa mija tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (Euro 27,952.48)

Illi ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici ikunu unanimi fid-decizjoni taghhom, l-Bord ghandu jiddeciedi skond il-kumpens hekk dikjarat mill-istess membri. Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li titrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut l-fond numru 171, Triq il-Wied, Msida u dan versu l-kumpens ta' seba u ghoxrin elf, disa mija tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (Euro 27,952.48) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fid-29 t'April, 2008 fis-2.30 pm fl-ufficcju tar-rikorrenti u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------